MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 21/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. T. Micallef)**
**Vs**
**John Gauci**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xahar ta' Marzu, 2008 u fix-xhur ta' qabel gewwa San Giljan, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-Ligi, izda biss biex tezercita dritt li jippretendi li ghandu, gieghel bl-Awtorita' tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun lit kun, jew fixkel lil Paul Ebejer, fil-pussess ta' hwejjgu jew b'xi mod iehor kontra l-Ligi ndahal fi hwejjeg haddiehor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Jannar, 2009, li biha,

wara li rat l-artikolu 85 tal-Kap. 9, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghall-prigunerija ghall-perjodu ta’ xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-28 ta’ Jannar, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha u thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w minn din l-imputazzjoni tiddikjarah mhux hati w tilliberah skond il-Ligi w, minghajr pregudizzju, fil-parti tal-piena tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- 1. Li preliminarjament l-appellant ma kienx assistit minn Avukat u ma kellux l-opportunita' li jipprezenta l-kaz tieghu bl-ahjar mod possibbli. 2. Li ma setax jinstab hati ghax l-elementi tar-reat kontemplat fl-artikolu 85 ma jezistux. 3. Li l-piena inflitta kienet wahda eccessiva tenut kont in-natura w ic-cirkostanzi tal-kaz u li kien hemm diversi pieni w sanzjonijiet ohra li setghu jigu applikati. L-Ewwel Qorti naqset milli tqis serjament il-fatt li dan l-allegat incident huwa semmai ta' natura semplici w mhux gravi w li skaturixxa minn sitwazzjoni mhux kriminuza fiha nnifisha. Piena ta' detenzjoni fuq l-appellant li ghandu kondotta netta w li qatt ma kellu kwistjonijiet mal-Pulizija hija sproporzjonata w ser ikollha effett hazin fuqu.

Semghet ix-xhieda tal-parte civili fl-udjenza tat-12 ta' Marzu, 2009 u tal-lum;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat illi fl-udjenza tal-lum l-appellant irtira l-ewwel zewg aggravji tieghu w zamm ferm it-tielet aggravju w cioe' dak li jirrigwarda l-piena.

Ikkonsidrat;

Illi meta xehed fl-udjenza tat-12 ta' Marzu, 2009, l-parte civile Paul Ebejer iddikjara li hu kien diga' rceva minnghand l-appellant l-ghodda mertu tal-kawza minghand l-appellant u kien jonqos biss li l-appellant jaghtih ic-*"certificate of conformity"* u li appena jsir dan, hu ma jkollu ebda interess aktar fil-kawza w fil-piena erogata.

Rat illi fl-udjenza tal-lum il-parte civile ddikjara li issa dan ic-*"certificate of conformity"* gie effettivament konsenjat lilu w li, ghal dak li jirrigwarda lilu, kien qed jahfer lill-appellant ghal kull buon fini.

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell issa gie limitat ghall-piena. Illi mhux normali li din il-Qorti tal-Appell li tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva. Dan ghax, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri) : **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler"** [26.2.2009] :-

*"Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (<u>u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti</u>) li jkun jincidi b' mod partikolari fuq il-piena."* (Ara wkoll **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard"** [20.3.2009] App. Krim. Superjuri) [sottolinear ta' din il-Qorti]

Illi l-piena ghar-reat ta' *ragion fattasi* skond l-artikolu 85 hi dik ta' minn xahar sa tlitt xhur prigunerija, izda l-Qorti tista', fid-diskrezjoni taghha, minflok il-piena ta' prigunerija, taghti l-piena tal-multa. Ghalhekk il-piena erogata kienet certament entro l-limiti w parametri tal-ligi.

Pero' f' dan il-kaz, stante li issa jirrizulta fil-mori tal-appell, li l-appellant ikkonsenja dak kollu li kellu bzonn il-parte civile, tant li dan iddikjara li ghal dak li jirrigwarda lilu hu kien qed jahfer lill-appellant ghal kull buon fini, jidher li

proprju sehhet *"cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti"*, li l-Ewwel Qorti ma kellhiex il-possibilita' li tiehu in konsiderazzjoni fis-sentenza appellata w li ghalhekk tista' taghti lok ghal temperament fil-piena.

Ghalkemm mhux korrett l-appellant meta jghid li hu ghandu kondotta netta, ghax fil-fatt mill-fedina penali aggornata tieghu jirrizulta li ghandu sensiela twila ta' kundanni ghal reati tat-traffiku, reati amnministrattivi w reati ta' ksur tal-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, hu minnu li m' ghandux kundanni ghal reati ohra serji w gravi.

Fic-cirkostanzi ghalhekk jidher opportun, fid-dawl tal-izviluppi li graw fil-mori tal-appell li ssodisfaw pjenament lill-parte civile, li l-piena karcerarja f' dan il-kaz timbidel f' wahda pekunjarja.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu w tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-piena ta' xahar prigunerija, w minnflok tikkundannah ghall-multa ta' tlitt mija u disgha w erbghin Ewro w hamsin centezmu (€ 349.50c) li, jekk ma jithallsux illum stess, jigu awtomatikament konvertiti fi tletin (30) jum prigunerija skond il-ligi skond l-artikoli 11 (3) u 14 tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------